**SILLABU GĦALL-EŻAMI TAL-MALTI GĦALL-INGAĠĠ FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA 2023**

## 1.0 DAĦLA

Dan is-sillabu hu maħsub għal dawk il-kandidati li jixtiequ jersqu għall-eżami tal-Malti biex jidħlu suldati fil-Forzi Armati ta' Malta. Il-livell tal-ħiliet u l-kompetenzi mistennija huwa tal-livell 7 skont il-Qafas tal-Kisbiet (2015) li jissarraf f'ekwivalenza għas-sillabi li jsiru fl-iskejjel statali fit-8 sena fl-ogħla livell, Rotta 3, li jinsab fis-sit malti.skola f'dan l-indirizz elettroniku https://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2019/04/Programm-Kisbiet-Rotta-3-8-sena.pdf

Fl-eżami jiġu mistħarrġa l-ħiliet tal-fehim mill-qari u l-metalingwa f'kuntest ta' qari ta' testi ta' ġeneri varji.

## 2.0 Il-ħiliet u l-kompetenzi eżaminati

**L-istudenti huma mistennija li:**

1. Jaqraw u jifhmu li ġeneri differenti ta' kitba li għandhom funzjonijiet differenti u jinqdew b'reġistri differenti, li jinkludu testi fattwali, fittizji, funzjonali, informattivi, komunikattivi u/jew li jinkludu istruzzjonijiet.
2. Jaqraw, jifhmu u jirreaġixxu għal testi li jkun fihom stampi u grafika .
3. Jinterpretaw informazzjoni li jieħdu minn graphs u mapep.
4. Jaqraw u jifhmu silta billi jieħdu biss it-tagħrif li jeħtieġu billi jaqraw xi kliem, frażijiet jew sentenzi biss, jew kliem u stampi biss.
5. Jisiltu minn testi argumentattivi ħfief, narrattivi, deskrittivi u fattwali, l-ideat ewlenin minn dawk sekondarji.
6. Jaqraw u jifhmu testi li jkun fihom reġistri/lingwaġġ differenti bil-Malti fosthom dawk marbuta mal-oqsma tal-Matematika, ix-Xjenza, il-Ġeografija, l-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, it-Teknoloġija tal-Informatika, ix-Xjenza Domestika, l-Arti, l-Edukazzjoni Fiżika u d-Disinn Teknoloġiku, l-Istudju fuq l-Iżvilupp Personali, id-Drama u l-Arti Espressiva.
7. Jaslu għal tifsira ta' kliem u espressjonijiet skont il-kuntest u jabbinaw it-tifsira ta' dettalji speċifiċi skont l-informazzjoni misjuba qabel.
8. Jbassru u jagħtu informazzjoni li toħroġ mit-test innifsu.
9. Jagħrfu meta jaqraw test il-fatti minn opinjoni.
10. Jidentifikaw l-udjenza u l-għan/ijiet ta'test moqri.
11. Jagħrfu t-tema/i u l-punti ewlenin tat-test moqri.
12. Jifhmu u japprezzaw it-tqassim tal-istruttura tat-test.
13. Jifhmu u jagħżlu taqsira ta' punti speċifiċi mit-test mogħti.
14. Jiddistingwu reġstri u forom ta' kitba formali u informali.

## 3.0 Temi u Kompetenzi Lessikali

It-testi għall-qari jmissu dawn it-temi li ġejjin. Għalhekk l-istudenti huma mistennija li jkollhom ħakma tajba u miftuħa ta' kliem, frażijiet u espressjonijiet li jintrabtu ma' dawn it-temi:

Informazzjoni personali

Il-ħajja u x-xogħol ta' kuljum

Il-ħin liberu

Il-midja u d-divertiment

| | |
|---|---|
| l-ivvjaġġar | it-temp |
| il-kura tas-saħħa | kwistjonijiet soċjali u globali |
| l-edukazzjoni | l-istorja |
| ix-xiri | ġrajjiet kurrenti |
| l-ikel u x-xorb | ix-xjenza u t-teknoloġija |
| is-servizzi | l-arti u l-isports |
| postijiet | Id-dar |
| l-ambjent | Ir-relazzjonijiet mal-oħrajn |

## 3.0 IL-METALINGWA

**NOTA**: Dawn l-aspetti huma meħuda mis-sillabu uffiċjali tal-iskejjel medji, tat-8 sena, Rotta 3. Billi l-aspetti tal-metalingwa jinbnew fuq medda ta' snin, hawn taħt qed jiġu speċifikati l-aspetti li l-kandidati huma mistennija li jkollhom biex jitqiesu proficjenti fil-kitba tajba bil-Malti.

### *3.1 Il-Morfoloġija*

1. Il-vokali u l-konsonanti (l-assimilazzjoni)
2. Tempijiet sempliċi tal-verb (Imperattiv, Imperfett, Perfett, Futur)
3. L-Għadd (singular, plural, Imtenni)
4. Prepożizzjonijiet (u t-tgħaqqid mal-artiklu)
5. L-Artiklu fil-forom kollha
6. L-Aġġettivi fil-gradi differenti tagħhom.
7. L-Għerq, il-Mamma u z-zokk morfemiku (forom komuni u sempliċi)
8. Il-Verb Sħiħ u Dgħajjef
9. Il-parteċipju attiv u passiv (kemm forma Semitika kif ukoll Rumanza/Ingliża)
10. In-nom (fil-forom kollha tiegħu)

### *3.2 L-ortografija*

1. Il-kitba tan-numri kollha fil-Malti
2. Kliem li fih l-ie, l-għ u l-h
3. Il-mudelli tal-verbi bl-għ u l-h
4. Il-konsonanti dgħajfa w u j
5. Il-kononanti doppji

## 4.0 L-EŻAMI

L-eżami jkun twil 90 minuta (siegħa u nofs). Se jkun magħmul minn tliet taqsimiet li jkun fihom 50 mistoqsija li jridu jitwieġbu kollha. It-total tal-marki tal-eżami huwa 100 u kull tweġiba tajba tiswa 2 marki.

It-testi jistgħu jkunu ta' natura fattwali jew fittizja u jittieħdu minn sorsi diversi, stampati jew online. L-ewwel żewġ taqsimiet se jkollhom 15-il mistoqsija kull waħda filwaqt li l-aħħar taqsima jkollha 20 mistoqsija. Il-karta se tkun waħda gradata fejn jidħlu mistoqsijiet u qari tat-testi.

Il-mistoqsijiet jistħarrġu kemm il-fehim tat-test kif ukoll il-kompetenzi tal-metalingwa tal-kandidati. Għalhekk se jkun hemm mistoqsijiet diretti (li t-tweġiba tagħhom tkun tinstab fit-test innifsu) u oħrajn inferenzjali (fejn it-tweġiba jkunu jridu jaslu għaliha l-kandidati wara li jkunu fehmu u analizzaw it-test).

Il-kandidati se jingħataw tliet testi għall-qari ta' ġeneri u tipi differenti. It-testi jvarjaw fit-tul imma t-tlieta flimkien ikollhom bejniethom madwar 800 u 900 kelma. It-testi jistgħu jkunu kemm lineari kif ukoll nonlineari li fuqhom kollha se jkun hemm 50 mistoqsija b'għażla multipla (multiple choice).

L-ewwel taqsima jkun fiha test nonlineari ta' bejn 150 u 200 kelma li fuqu ikun hemm 15-il mistoqsija b'għażla multipla, fejn tingħażel it-tweġiba t-tajba mill-erba' li jingħataw għal kull mistoqsija.

It-tieni taqsima jkun fiha test fittizju ta' bejn 250-300 kelma u jkollu fuqu 15-il mistoqsija b'għażla multipla bħat-taqsima ta' qabel.

It-tielet taqsima jkun fiha test lineari fattwali ta' bejn 350 u 400 kelma li jkollu fuqu 20 mistoqsija b'għażla multipla fejn tingħażel it-tweġiba t-tajba mill-erba' li jingħataw għal kull mistoqsija.

**TMIEM**